



**Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni**

REGOLAMENT Nru 20/2020

tad-9 ta' Ottubru 2020

li jemenda r-Regolament Nru 8/2017 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u r-Regolament Nru 2/2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

IL-BUREAU TAL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

WARA LI KKUNSIDRA it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 305, 306 u 307 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRA ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 (UE) u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹;

WARA LI KKUNSIDRA ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 39, 40, 63 u 71 tiegħu;

WARA LI KKUNSIDRA id-Deċiżjoni tal-Bureau Nru 0014/2018 dwar ir-regoli finanzjarji interni għall-implimentazzjoni tat-taqsimha tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea,

WARA LI KKUNSIDRA r-Regolament Nru 8/2017 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-vjaġġi u l-laqgħat tal-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni,

¹ [ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1](#)

WARA LI KKUNSIDRA

Ir-Regolament Nru 2/2018 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-30 ta' Jannar 2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitatiet tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni,

BILLI:

- (1) il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt fuq il-funzjonament tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod li bih jorganizza l-laqgħat tiegħu u fir-rigward tal-mezzi tat-trasport li jistgħu jintużaw mill-membri, is-sostituti b'mandat kif dovut, l-esperti tar-relaturi u l-kelliema biex jaslu fil-bini tal-KiR;
- (2) fid-dawl taż-żieda mifruxa fl-użu tal-karozzi privati minflok it-trasport pubbliku, huwa xieraq li tiġi rieżaminata s-sistema attwali ta' rimborż, li mhijiex favorevoli għall-ivvjaġġar bil-karozza privata għal distanza ta' ritorn ta' aktar minn 2 000 km;
- (3) Ir-Regolament Nru 8/2017 u r-Regolament Nru 2/2018 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

ADOTTA R-REGOLAMENT LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Regolament Nru 8/2017 huwa emendat kif ġej:

- fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

3.2 Vjaġġar bil-karozza

Fil-każ ta' vjaġġar bil-karozza, membru li huwa kopert minn dawn ir-regoli għandu jkun rimborżat skont rata fissa għal kull kilometru. Ir-rata fissa għal kull kilometru għandha tiġi stipulata b'deċiżjoni tal-Bureau.

Id-distanza f'kilometri bejn il-post fejn issir il-laqgħa u l-post ta' residenza ddikjarat uffiċjalment għandha tkun determinata mill-amministrazzjoni permezz ta' programm tal-kompjuter.

Kwalunkwe talba għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar bil-karozza għal distanza ta' ritorn ta' iktar minn 1 000 kilometru għandha tiġi akkumpanjata minn dokumenti ġustifikattivi fiż-żewġ vjaġġi 'l barra u lura.

Jekk żewġ persuni jew aktar koperti minn dawn ir-regoli jivvjaġġaw fl-istess karozza, il-persuna responsabbli għall-vettura għandha tkun intitolata għar-rimborż imsemmi hawn fuq, apparti ħlas addizzjonali ta' 20 % għal kull persuna li takkumpanjaha, jekk hija tindika l-ismijiet tagħhom fit-talba tagħha għal rimborż tal-ispejjeż. Il-persuni msemmija b'hekk jitolfu d-dritt tagħhom għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għal dik il-parti tal-vjaġġ.

Membri li jużaw il-karozza privata tagħhom għandhom jibqgħu totalment responsabbli għal kull dannu aċċidentali għall-vettura tagħhom jew vetturi terzi.’.

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 2/2018 huwa emendat kif ġej:

– fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’ dan li ġej:

‘2. Vjaġġar bil-karozza

Fil-każ ta’ vjaġġar bil-karozza, espert/kelliem li huwa kopert minn dawn ir-regoli għandu jkun rimborżat skont rata fissa għal kull kilometru. Ir-rata fissa għal kull kilometru għandha tiġi stipulata b’ deċiżjoni tal-Bureau.

Id-distanza f’ kilometri bejn il-post fejn issir il-laqgħa u l-post ta’ residenza ddikjarat uffiċjalment għandha tkun determinata mill-amministrazzjoni permezz ta’ programm tal-kompjuter.

Kwalunkwe talba għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar bil-karozza għal distanza ta’ ritorn ta’ iktar minn 1 000 kilometru għandha tiġi akkumpanjata minn dokumenti ġustifikattivi fiż-żewġ vjaġġi ’l barra u lura.

Jekk żewġ persuni jew aktar, debitament mistiedna jipparteċipaw f’ laqgħa jew attività tal-KtR, jivvjaġġaw fl-istess karozza, il-persuna responsabbli għall-vettura tkun intitolata għar-rimborż imsemmi hawn fuq, barra minn ħlas addizzjonali ta’ 20 % għal kull persuna li takkumpanjaha, jekk hija tindika l-ismijiet tagħhom fit-talba tagħha għal rimborż tal-ispejjeż. Il-persuni addizzjonali msemmija fit-talba b’hekk jitilfu d-dritt tagħhom għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għal dik il-parti tal-vjaġġ.

L-esperti jew il-kelliema li jużaw il-karozza privata tagħhom għandhom jibqgħu totalment responsabbli għal kull dannu aċċidentali għall-vettura tagħhom jew vetturi terzi.’.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 9 ta’ Ottubru 2020

Għall-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni

iffirmata

Apostolos Tzitzikostas
President
